**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Francis Xuereb ta' 32 sena, iben Toni u Genisia xebba Vella li joqghod 49, Triq il-Kunsill Civiku, Rabat Ghawdex.**

Illum 21 ta' Marzu, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-10 ta' Lulju 2000 ghall-habta tas-7.30a.m. waqt li kien fi Triq San Leonardu, Rabat, Ghawdex, saq truck nru. IBB 031 b'mod negligenti u b'manjiera perikoluza, (2) aktar talli b'negligenza, b'imprudenza u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' vettura nru. IAZ 181 u kkagunalha hsarat ghad-dannu ta' 'Top Serv' Ltd., (3) aktar talli kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' John Portelli kif iccertifika Dr. Julian Portelli MD. tal-Isptar Generali ta' Ghawdex, (4) aktar talli ikkaguna hsarat fuq il-hajt ta' bara ta' 'Villa Meridiana' ta' Triq San Leonardu, Victoria ghad-dannu ta' Sammy Rapa, (5) aktar talli saq vettura nru. IBB 031 minghajr licenzja grupp C u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

Semghet il-provi;

Semghet ir-rinunzja ta' John Portelli u dan kwantu t-tieni u t-tielet akkuzi;

Semghet l-ammisjoni tal-imputat fuq il-hames akkuza;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel u r-raba' akkuzi illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-imputat kien niezel bit-truck tieghu sejjer jiddepozita skip. Hu kien gej mix-Xaghra u kien ser jikser, ma ra lil hadd gej minn quddiemu u minn warajh u x'hin qabad jikser saret il-habta fejn John Portelli spicca bil-vann tieghu fil-hajt tal-kwerelant Sammy Rapa.

Da parti tieghu John Portelli, li hu imputat f'kawza ohra, xehed illi hu kien niezel mill-istess direzzjoni tat-truck misjuq mill-imputat u kkonferma li quddiemu kien hemm it-truck tal-imputat li gibed fuq ix-xellug. Portelli xeghel l-indicator biex jaqbzu ghaliex haseb li kien ser jibqa miexi fid-dritt peress illi ma kellux indicator. Portelli qal illi l-imputat, izda, dar ghal fuqu.

L-imputat xehed illi hu ried jikser fuq il-lemin tieghu izda peress li mhux possibli li taqbad u tikser bi truck bhal dan kiser l-ewwel ftit fuq ix-xellug tieghu. Portelli irraguna li peress li trukkijiet gieli jipparkjaw fil-vicin fuq ix-xellug, haseb li l-imputat kien ser jibqa sejjer l'quddiem.

Sammy Rapa xehed illi kien rieqed meta sema hoss qawwi fil-front garden tieghu u meta hareg, ra lill-vann ta' Portelli mkahhal mac-cint tal-gnien. Hu ghamel stima ta' hsarat u perizja u cioe qabbad perit arkitett li kkonkluda li l-hajt kollu tal-front garden jehtieg li jinbidel kawza tal-habta u dan bi spiza ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltin u disghin centezmu (Lm420.90c).

PS 1040 xehed illi meta ikkonstata l-hsarat induna li l-hajt intier mexa fuq id-damp proofing course. Dan kollu jidher mir-ritratti esebiti fejn l-ahhar pilastru jirrizulta mkisser peress illi kien it-tarf tal-hajt.

Minn dan kollu l-Qorti ma ghandhiex dubju li Portelli kien ghaddej bi speed eccessiv tant li ma setghax jikkontrolla l-manuvra ta' sorpass tieghu u spicca habat mat-truck kif ukoll mac-cint tal-kwerelant Rapa. Il-manuvra ta' sorpass hija wahda perikoluza u jehtieg li ssir b'mod meqjus – haga li m'ghamilx Portelli.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel u r-raba' akkuzi u tilleberah minnhom stante li ghal dan l-incident jahti biss John Portelli.

Tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu t-tieni u t-tielet akkuza fuq rinunzja.

Issibu hati tal-hames akkuza fuq ammisjoni u rat l-artikoli 3 Kap 104 u 15 tal-Kap 65 u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur